

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-8 ta' Lulju 2014****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2014 ta' Franza u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Franza, 2014**

(2014/C 247/09)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija għida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi għall-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri⁽³⁾, li flimkien jiffurmaw il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri kienu mistiedna sabiex jikkunsidraw il-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tagħhom.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għal Tkabbir u Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni flivell nazzjonali, dak tal-UE kif ukoll taż-Żona tal-Euro permezz tal-użu tal-għodod, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2014 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/322/UE tas-6 ta' Mejju 2014 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi għall-2014 (ĠU L 165, 4.6.2014, p. 49).

- (4) Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni⁽¹⁾ dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Franza għall-2013 u ta' l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat ta' Franza għall-perijodu 2012-2017. Fil-15 ta' Novembru 2013, b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, il-Kummissjoni ppreżentat l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju ta' Franza għall-2014.
- (5) Fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2014 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifika lil Franza bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom ser issir revizzjoni fil-fond.
- (6) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet li jiżguraw stabbiltà finanzjarja, konsolidament fiskali u azzjoni biex jissaħħa it-tkabbir. Il-Kunsill enfażizza l-ħtieġa li jissokta l-konsolidament fiskali differenzjat u favur it-tkabbir, sabiex il-kundizzjonijiet ta' self għall-ekonomija jergħu lura għan-normal, jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, jiġu ttrattati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex l-amministrazzjoni pubblika tiġi mmodernizzata.
- (7) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tal-eżami mill-ġdid fil-fond dwar Franza, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslet biex jiġi konkluż li Franza tkompli tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu monitoraġġ speċifiku u azzjoni politika deċiżiva. Partikolarment, id-deterjorazzjoni fil-bilanċ tal-kummerċ u fil-kompetittività u l-implikazzjonijiet tad-dejn kbir tas-settur pubbliku jisthoqqlhom attenzjoni politika kontinwa.
- (8) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni rakkomandat li Franza għandha tagħmel aktar sforzi biex tiżgura konformità sħiħa mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv.
- (9) Fis-7 ta' Mejju 2014, Franza ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2014 kif ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2014. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew iwwalutati fl-istess żmien.
- (10) L-oġġettiv tal-istrateġija baġitarja msemmi fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2014 huwa li jikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2015 u li jilħaq l-oġġettiv ta' terminu medju fl-2017. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-oġġettiv ta' terminu medju preċedenti ta' baġit ibbilanċjat f'termini strutturali, li huwa aktar strett mir-rekwiżiti mitluba mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Programm ta' Stabbiltà jipprova li d-defiċit jinġieb għal 3% tal-PDG fl-2015, 'l fuq mill-mira stipulata fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013. Minn hemm 'il hemm, il-progress annwali ppjanat (rikalkulat) lejn l-oġġettiv fuq terminu medju huwa fil-biċċa l-kbira skont ir-rekwiżit ta' mill-inqas 0,5% tal-PDG. B'mod ġenerali, l-istrateġija tal-baġit spjegata fil-Programm ta' Stabbiltà hija biss parzjalment skont ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Programm ta' Stabbiltà jipproġetta li d-dejn tal-gvern se jilħaq il-95,6% tal-PDG fl-2014 u l-2015 u mbagħad jinżel għal 91,9% fl-2017. Ix-xenarju makroekonomiku li jsostni l-previżjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà huwa plawsibbli għall-2014 u kemm xejn ottimist għall-2015, bil-PDG proġettat li jikber b'1,0% u 1,7% din is-sena u ta' wara rispettivament, minflok 1,0% u 1,5% skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2014 tas-servizzi tal-Kummissjoni. F'April 2014, il-Kunsill Għoli għall-Finanzi Pubbliċi ("Haut Conseil des finances publiques") li huwa indipendenti ħareġ opinjoni dwar ix-xenarju makroekonomiku tal-Programm ta' Stabbiltà. Il-Programm ta' Stabbiltà jiddeskrivi għadd ta' miżuri addizzjonali għall-2014, fosthom il-kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ministerjali li ser jiġu adottati bħala parti minn baġit supplementari u l-ewwel effetti tal-pjan ta' ffrankar ta' EUR 50 biljun mħabbar mill-Gvern.

Abbażi ta' dan, u wkoll meta jitqies li l-isforz fiskali milħuq fl-2013 kien ogħla minn dak mistenni meta saret ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Programm ta' Stabbiltà jista' jitqies li f'it jew wisq jirreaġixxi għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Il-livell tad-dettall tal-miżuri ta' konsolidament fiskali mhuwiex biżżejjed biex jiżgura l-korrezzjoni tas-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2015, kif sostnut mit-tbassir tal-Kummissjoni ta' defiċit ta' 3,4% tal-PDG is-sena d-dieħla u aġġustament strutturali sottostanti

⁽¹⁾ ĠU C 217, 30.7.2013, p. 27.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

li ma jilħaqx b'hafla l-livell rakkomandat mill-Kunsill. Madankollu, ir-riskji għall-miri baġitarji jxeqilbu lejn in-naħa t'isfel. Partikolarment, parti mill-miżuri addizzjonali għall-2014 imħabbra fil-Programm ta' Stabbiltà għadhom iridu jiġu adottati u l-ammont ippjanat ta' ffrankar għall-2015 huwa ambizzjuż wisq. Abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni, l-isforz fiskali matul l-2013-2014 mhux biżżejjed b'0,2 punti perċentwali tal-PDG f'termini ta' bidla (ikkoreġuta) fil-bilanċ strutturali u b'mill-inqas 0,1 punti perċentwali tal-PDG f'termini tal-ammont ta' miżuri stmati bħala meħtieġa fi żmien ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà u t-tbassir tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-miżuri li jsostnu l-istrategġija baġitarja jeħtiġilhom jiġu speċifikati aktar u li huma meħtieġa aktar sforzi biex din tikkonforma mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u biex tiżgura perkors xieraq lejn l-oġettiv ta' terminu medju minn hemm 'il quddiem. Partikolarment, l-isforzi għandhom ikunu elenkati fil-dettall fil-liġi li ġejja li temenda l-baġit għall-2014.

- (11) Minħabba d-dejn tal-gvern għoli u li għadu qed jiżdied u li l-iskadenza biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċes-siv kienet estiża għall-2015, huwa wisq aktar importanti li l-baġit tal-2014 jiġi implimentat b'mod strett u li jsiru sforzi sostanzjali ta' konsolidament bis-serje ta' fl-2015. Partikolarment, in-nefqa pubblika għandha tikber b'pass wisq iżgħar mis-snin ta' qabel, kif ippjanat mill-Gvern. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li l-istrategġija biex titnaqqas in-nefqa tiġi speċifikata aktar billi tiġi intensifikata l-analiżi kontinwa tal-infiq u billi jiġi ridifenit fejn rilevanti, l-ambitu tal-azzjoni tal-gvern. Iffrankar imdaqas fuq terminu qasir ma jistax jintlaħaq mingħajr ma titnaqqas b'mod sinifikanti ż-żieda fin-nefqa tas-sigurtà soċjali, li tammonta għal kważi nofs in-nefqa tas-settur pubbliku.

Dan jimplika tnaqqis fil-kostijiet tal-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet, pereżempju billi jiġu stabbiliti miri għan-nefqa annwali fil-kura tas-saħħa aktar ambizzjużi u ffrizjar temporanju tal-pensjonijiet, kif ukoll ta' benefiċċji soċjali oħra, attwalment previsti mill-Gvern. Barra minn dan, il-liġi l-ġdida pjanata tad-deċentralizzazzjoni għandha tirrazzjonalizza d-diversi s-saffi amministrattivi fi Franza biex telimina d-dupplikazzjoni amministrattiva u jinħolqu aktar sinerġiji, żieda fl-effiċjenza u ffrankar permezz tal-fużjoni jew it-tneħħija ta' saffi amministrattivi. F'dan ir-rigward, mhux biss ir-riformi strutturali elenkati fil-Programm ta' Stabbiltà ser iseħħu biss fuq terminu medju, minkejja l-iskeda pjanata li kienet ġiet ippreżentata mill-Programm ta' Stabbiltà, iżda ser ikunu wkoll soġġetti għal riskji ta' implimentazzjoni sinifikanti. Il-kontroll tan-nefqa tal-gvern lokali għandha tissaħħaħ ukoll, fosthom billi tinkludi limitu massimu fuq iż-żieda annwali fid-dħul mit-taxxi tal-gvern lokali, b'kont meħud tal-limiti eżistenti għal għadd ta' taxxi lokali, filwaqt li jiġi implimentat b'mod rigoruż it-tnaqqis ippjanat fl-għotjiet mill-gvern ċentrali. Lil hinn mill-ħtieġa għall-iffrankar fuq terminu qasir, is-sostenibbiltà fuq terminu twil tal-finanzi pubbliċi hija kwistjoni ta' tħassib ukoll.

Filwaqt li n-nefqa pubblika fuq is-saħħa nżammet taħt kontroll f'dan l-aħħar snin, huma meħtieġa aktar sforzi biex titjeb il-kosteffikaċja tas-sistema tas-saħħa. Partikolarment, hemm il-ħtieġa li jiġu implimentati aktar politiki ta' konteniment tal-kostijiet peress li s-sistema tas-saħħa hija proġettata li tiffaċċa żieda sinifikanti fin-nefqa fuq perjodu medju u twil. Oqsma fejn għandha tiżdied l-effiċjenza jinkludu l-farmaċewtiċi u l-infiq amministrattiv kif ukoll il-kura fl-isptarjiet. Fl-aħħar, riforma tal-pensjonijiet ġiet adottata f'Diċembru 2013 bil-għan li tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema. Madankollu, ir-riforma tal-pensjonijiet mhux ser tkun biżżejjed biex telimina d-defiċit tas-sistema, b'mod partikolari d-defiċit li jirriżulta minn skemi għall-uffiċjali u l-impjegati tal-gvern statali li jaħdmu f'għadd ta' kumpanniji kkontrollati mill-Istat u fl-aħħar mill-aħħar, skont il-projezzjonijiet mill-awtoritajiet Franċiżi, il-miżuri l-ġodda tal-pensjoni ser inaqqsu d-defiċit totali tas-sistema biss bin-nofs għal madwar 0,5 % tal-PDG sal-2020. Barra minn hekk, id-daqs tal-aġġustament huwa soġġett għal riskji sinifikanti għax ix-xenarju makroekonomiku li jsostni dawn il-projezzjonijiet jista' jkun ottimist iżżejjed. Il-kumitat li għadu kif twaqqaf biex jimmonitorja l-pensjonijiet ("Comité de suivi des retraites") għandu jiżgura li d-defiċit tas-sistema jiġi eliminat gradwalment.

- (12) Franza hija fost l-Istati Membri fejn il-kost tax-xogħol huwa l-ogħla. Partikolarment, il-piż għoli tat-taxxa fuq ix-xogħol inaqqas il-profittabbiltà tad-ditti u jdgħajef l-impjiegi. Sabiex jgħin lill-kompetittività tal-kost, il-Gvern ħa għadd ta' inizjattivi biex inaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol. Ribass tat-taxxa għall-kompetittività u l-impjiegi (CICE), ekwivalenti għal tnaqqis fil-kost tax-xogħol għall-pagi inqas minn darbtejn u nofs il-paga minima kien adottat f'Diċembru 2012. Tnaqqis ieħor ta' EUR 10 biljun fil-kost

tax-xogħol tħabbar bħala parti mill-“patt ta’ responsabbiltà u solidarjetà” f’Janjar 2014. Iż-żewġ miżuri ser jammontaw għal EUR 30 biljun jew 1,5% tal-PDG, li huma proporzjonati maż-żieda kumplessiva fit-tassazzjoni tal-kumpanniji rreġistrati fl-2010-2013 u li tnaqqas biss bin-nofs id-differenza bejn Franza u ż-Żona tal-Euro f’termini ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mill-impjegatur. Madankollu, id-ditti li jesportaw, li x’aktarx iħallsu pagi għoljin, se jibbenefikaw inqas mis-CICE mid-ditti li ma jesportawx, u b’hekk jitnaqqas l-impatt tal-miżura fuq il-kompetittività. Il-patt ta’ responsabbiltà u solidarjetà jinkludi tnaqqis fil-kost tax-xogħol għall-pagi baxxi u tnaqqis li jimmira lejn pagi bejn 1,6 u 3,5 darbiet il-paga minima. Il-miżura tal-aħħar, li mistennija tidħol fis-seħħ mill-2016, ikollha impatt aktar dirett fuq id-ditti li jesportaw. L-iffissar tal-pagi fi Franza għandu x-xejra li jwassal għal distrosjonijiet tal-istruttura tal-pagi u jillimita l-abbiltà tad-ditti li jaġġustaw il-pagi meta jonqos ir-ritmu ekonomiku. Il-Kunsill Għoli għall-Finanzjament tal-Protezzjoni Soċjali (“Haut Conseil du financement de la protection sociale”) iwwaluta l-impatt tax-xenarji differenti tal-eżenzjonijiet mis-sigurtà soċjali fuq ix-xogħol, iżda ma tantx enfasisza l-impatt fuq l-iżvilupp tal-pagi u l-kompetittività.

Madankollu, għalkemm ingħataw eżenzjonijiet estenzivi, għall-ħaddiema li jitħallsu paga minima, il-kost tax-xogħol bil-paga minima għadu għoli. Dawn l-eżenzjonijiet ikkontribwixxew għall-inklużjoni tal-kostijiet tax-xogħol fl-2013, li huwa żvilupp pożittiv, iżda l-livell tal-paga minima fi Franza jibqa’ għoli meta mqabbel ma’ dak ta’ Stati Membri oħra. Il-paga minima għalhekk għandha tibqa’ tevolvi b’mod li jkun ta’ sostenn għall-kompetittività u l-ħolqien tax-xogħol. Fi Franza jeżistu biss ftit eżenzjonijiet mill-paga minima statutorja u jistgħu jsiru sforzi addizzjonali biex jitnaqqas il-kost tax-xogħol għall-gruppi vulnerabbli.

- (13) Il-klassifikazzjoni globali ta’ Franza f’għadd ta’ sħarriġiet dwar l-ambjent kummerċjali ħżienet. Waqt li saru sforzi bħala parti minn “xokk ta’ simplifikazzjoni” mniedi fl-Lulju 2013 biex tiġi ffaċilitata r-relazzjoni bejn id-ditti u l-amministrazzjoni, hemm bżonn li l-ambjent kummerċjali jitjieb aktar. Flimkien ma’ dan, għadd ta’ miżuri meqjusa fil-pjan ta’ simplifikazzjoni għadhom iridu jiġu definiti u implimentati. Partikolarment, għandha tingħata attenzjoni speċifika lir-regolamenti tal-kodiċi tax-xogħol jew ir-regoli tal-kontabilità marbuta ma’ limiti ta’ daqs speċifiċi li jtellfu t-tkabbir tad-ditti Franċiżi. Dawn jistgħu jkollhom rwol fid-diffikultajiet tal-SMEs biex jikbru sa daqs li jippermettilhom jesportaw u jinnovaw. Inizjattivi politiċi biex jissaħħaħ l-infiq fir-R&Ż u l-innovazzjoni minn kumpanniji privati, partikolarment il-kreditu tat-taxxa fil-pilastru tar-riċerka u l-innovazzjoni, sa issa taw riżultati mħallta. Il-piż dejjem jonqos tas-settur industrijali fis-settur privat ta’ Franza jfisser li l-infiq fir-R&Ż mill-kumpanniji privati qed jistaġna minkejja sforzi sinifikanti fil-livell tad-ditti. Bħala konsegwenza, proporzjon kbir tal-infiq fir-R&Ż għadu ffinanzjat bi flus pubbliċi direttament permezz ta’ riċerka pubblika jew indirettament permezz ta’ sussidji. L-effikaċja tal-għodod eżistenti għandha titjieb aktar sabiex twassal għal infiq ogħla fir-R&Ż minn ditti privati u innovazzjoni fis-settur privat. Partikolarment, ir-riżorsi allokatu għall-pilastru tal-kompetittività jistgħu jrawmu effetti ta’ skala aħjar u jtejbju d-diffużjoni tal-innovazzjoni. Barra minn hekk, l-effikaċja tal-politika tista’ tissaħħaħ billi dawn il-pilastru jitħallew isiru networks reali ta’ ditti b’effetti sekondarji pożittivi. Fl-aħħar, il-kost tal-kreditu tat-taxxa fuq ir-riċerka huwa mistenni li jilħaq EUR 5,8 biljun fl-2014 (qrib iż-0,3% tal-PDG). Minkejja l-kost ta’ din il-miżura, mhi disponibbli l-ebda valutazzjoni ex post tal-effikaċja tagħha fuq ir-R&Ż b’kont meħud tal-aħħar riformi.
- (14) Minkejja li tneħħew ostakli fuq il-forma ġuridiċi, ir-rekwiżiti jew it-tariffi tal-parteċipazzjoni għal ċerti professjonijiet (pereż. il-veterinarji, il-kontabilisti), u ġew adottati miżuri ġodda biex titjieb il-kompetizzjoni permezz tal-Liġi dwar il-Konsum reċenti, xi professjonisti għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti biex jidħlu jew iwettqu negozju llum (pereż. tat-taxis, is-settur tas-saħħa, in-nutara u l-professjonisti legali b’mod aktar ġenerali). Il-prinċipju tan-numerus clausus għall-aċċess għal ħafna professjonijiet (tobba, spiżjara, eċċ.) għadu qed itellef l-aċċess għas-servizzi, u jista’ jiġi rieżaminat mingħajr ma’ jitpoġġew friskju l-kwalità u s-sikurezza. Sal-lum ma saret l-ebda valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtieġa għar-restrizzjonijiet li affettwaw il-professjonijiet regolati u l-proporzjonalità tagħhom. Fis-settur tal-immut, ir-rekwiżiti tqal tal-awtorizzazzjonijiet biex jinfetħu ħwienet kummerċjali, b’mod partikolari li jirriżulataw mir-regoli tal-ippjanar urban u l-projbizzjoni ta’ bejgħ b’telf għadhom hemm u għandhom impatt ħażin fuq il-kompetittività u l-konsumaturi. Sal-lum, ma ġiet adottata l-ebda miżura konkreta fi Franza biex jitneħħew l-ostakli għad-dħul fis-settur tal-immut. Fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-elettriku u l-gass, qed jitneħħew gradwalment il-prezzijiet regolati għall-konsumaturi li mhumiex unitarji domestiċi. Madankollu,

il-prezzijiet għadhom regolati għall-unitajiet domestiċi u għall-elettriku dawn huma stipulati taħt il-livelli tal-kost u l-aċċess għal fornituri oħrajn huwa limitat. Fir-rigward tal-interkonnessjonijiet tal-enerġija, il-proġetti fis-seħħ, partikolarment ma' Spanja, għandhom jitlestew biex jissaħħu l-interkonnessjonijiet tal-elettriku u l-gass mal-pajjiżi ġirien. Fis-settur tal-ferroviji, l-ostakli għad-dħul fis-suq għadhom jimpe-dixxu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. Franza ma fetħitx is-suq domestiku tagħha tal-passiġġieri bil-ferrovija għall-kompetizzjoni, ħlief is-servizzi internazzjonali, fejn hemm biss ftit parteċipanti ġodda. Hija nediet riforma tas-sistema ferrovjarja tagħha bil-ħsieb li tagħmilha aktar finanzjarjament sostenibbli. Abbozz ta' liġi kien ppreżentat f'Ottubru 2013 u bħalissa qiegħed jiġi diskuss mill-Parlament. Il-miżuri ppreżentati jinkludu l-istabbiliment ta' maniġer tal-infrastruttura bil-poteri kollha fi ħdan struttura integrata vertikalmnt inkluż l-operatur stabbilit. Din l-istruttura għdid tista' xxekkel l-aċċess għan-netwerk minn operaturi alternattivi.

- (15) Franza għandha taxxi kumplessivi għoljin u li qed jiżdiedu. Fl-2013, il-proporzjon tat-taxxa mal-PDG kien ta' 45,9%, wieħed mill-ogħla fl-Unjoni u li kien għola bi 3,3 punti perċentwali minn meta beda l-konsolidament fiskali fl-2010. F'dan l-isfond, kumitat speċjali ("Assises de la fiscalité") ipprova input għal riforma tas-sistema tat-taxxa. Sa issa ftit sar progress biex jitbaxxaw ir-rati statutorji tat-taxxa fuq l-introjtu personali u tal-kumpanniji u biex tiżdied effiċjenza tal-VAT. Minflok, kontribuzzjoni żejda temporanja fuq il-kumpanniji kbar ġiet estiża sal-2015 u dan ser jirriżulta biex ir-rata kumplessiva tat-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpanniji ser tilħaq 38,1% (ir-rata statutorja ta' 33,3% diġà hija waħda mill-ogħla fl-Unjoni). Il-Gvern ħabbar s-soppressjoni progressiva tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà soċjali korporattiva ("C3S") u t-tnaqqis gradwali fir-rata statutorja għal 28% sal-2020. Dwar dan tal-aħħar, m'hemm l-ebda informazzjoni dettaljata dwar iż-żmien preċiż tal-miżura. Sar ukoll xi progress limitat matul l-aħħar sena fit-tnaqqis u r-razzjonalizzazzjoni tal-infiq tat-taxxa fuq l-introjtu. Minkejja xi ftit progress fil-qasam tat-tassazzjoni ambjentali (pereż. bl-introduzzjoni gradwali tat-taxxa fuq il-karbonju jew "contribution climat énergie"), is-sehem tat-taxxa ambjentali fil-PDG għadu baxx. Partikolarment, id-dazji tas-sisa fi Franza mhumiex indiċizzati mal-inflazzjoni u xi sussidji ta' ħsara għall-ambjent importanti, bħar-rata preferenzjali tad-dazju tas-sisa fuq id-diżil għadhom hemm. Fl-aħħar ma ttieħdet l-ebda miżura addizzjonali fl-2013 biex tindirizza x-xejra lejn id-dejn fit-tassazzjoni tal-kumpanniji bil-għan li tiġi pprevenuta żieda oħra fid-dejn privat.
- (16) Għalkemm għadd ta' miżuri politiċi ttieħdu fi Franza, is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol baqgħet tiżzin fl-2013 u għad hemm sfidi sinifikanti. Il-qgħad kompli jikber għal 10,3% fl-2013 (minflok 7,5% fl-2008). Is-suq tax-xogħol ta' Franza għadu segmentat b'livelli baxxi ħafna ta' transizzjonijiet minn kuntratti temporanji għal kuntratti permanenti (il-probabbiltà li wieħed jiċċaqlaq minn kuntratt temporanju għal xogħol permanenti kienet biss ta' 10,6% fl-2010, meta mqabbla ma' 25,9% tal-medja fl-Unjoni). Il-ftehim interprofessjonali dwar l-iżgurar tax-xogħol sar liġi li ġiet adottata f'Lulju 2013. Minkejja li din ir-riforma hija pass pożittiv, l-impatt f'dan l-istadju għadu ma nħassx kullimkien. Partikolarment, wisq ftit kumpanniji użaw l-arranġamenti għall-arranġamenti fil-livell ta' kumpanija maħluqa mil-liġi biex tiżdied il-flessibbiltà tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-każ ta' diffikultajiet ekonomiċi temporanji. Madankollu, ir-rata tat-tkeċċijiet effettivi li ngħibu quddiem il-qrati naqqset sew. Filwaqt li fl-2014 saru negozjati bejn is-sħab soċjali biex jirrifirmaw is-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad, l-arranġament il-għdid mhuxwix mistenni jnaqqas sostanzjalment id-defiċit tas-sistema. Id-defiċit kumulat tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad, li kien qrib il-1% tal-PDG fl-2013, jitlob miżuri strutturali addizzjonali biex jiżguraw is-sostenibbiltà tagħha. Partikolarment, xi elementi, bħall-kundizzjonijiet tal-eleġibbiltà, il-benefiċċji digressivi tul iż-żmien jew ir-rati ta' sostituzzjoni għall-ħaddiema bl-ogħla pagi ġew immodifikati biss ftit wara l-aħħar ftehim bejn is-sħab soċjali f'Marzu 2014, u dawn għandhom jiġu adattati aktar biex jiżguraw li l-inċentivi biex dak li jkun jaħdem ikunu adegwati. Grazzi għar-riformi suċċessivi fil-pensjonijiet, ir-rata tal-impjieg tal-ħaddiema bejn il-55 u l-64 sena żdiedet b'mod kostanti matul dawn l-aħħar tliet snin.

Madankollu, ir-rata tal-impjieg fost il-ħaddiema ixjaħ fi Franza (45,6% fl-2013) għadha inqas sew mill-medja fl-Unjoni (-4,5 puntos porcentuales punti perċentwali inqas) u 55% biss tal-ħaddiema ixjaħ fi Franza jirtiraw mill-ewwel wara l-impjieg (2008-2011). B'riżultat, ir-rata tal-qgħad f'dan il-grupp żdiedet sew matul l-aħħar snin. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri biex titjieb l-impjegabbiltà tagħhom filwaqt li jiġu rieżaminati l-inċentivi tagħhom biex jibqgħu jaħdmu jew jergħu jibdedw jaħdmu.

- (17) L-istħarriġ tal-Programm tal-2013 għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti juri li l-inugwalità edukattiva fi Franza hija fost l-għola fil-pajjiż tal-OECD. Wieħed minn kull sitt żgħażuġ fi Franza jitleq l-edukazzjoni u t-taħriġ mingħajr kwalifiki. Dan huwa ta' tħassib partikolari minħabba li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh kienet ta' 25,5% fi tmiem l-2013 u minħabba li r-riskju li jkunu qiegħda kien kważi darbtejn ogħla għaż-żgħażaġh l-inqas kwalifikati. L-iskemi li jippromwovu l-apprendistati għandhom jilhq u b'mod partikolari ż-żgħażaġh l-inqas kwalifikati. Skemi li jippromwovu l-apprendistat għandhom jilhq u partikolarment liż-żgħażaġh bl-inqas kwalifiki Sar xi progress fl-indirizzar ta' din il-kwistjoni permezz tat-tnedija tar-riforma tal-edukazzjoni obbligatorja f'Lulju 2013 u l-adozzjoni ta' liġi dwar l-edukazzjoni vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja f'Marzu 2014. Madankollu, għadu kmieni wisq biex wieħed jivvaluta jekk dawn il-miżuri hux ser inaqqsu effettivament l-inugwaljanzi fis-sistema edukattiva u l-pjan ġdid li jimmira lejn l-iskejjel tal-edukazzjoni sekondarja baxxa f'żoni żvantaġġati li tħabbar f'Jannar 2014 għad irid jiġi implimentat. Fl-aħħar, it-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol ġiet iffaċilitata iżda l-għadd ta' apprendisti naqas fl-2012 u l-iskemi bbenefikaw dejjem aktar minn studenti fl-edukazzjoni għolja.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Franza. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Franza iżda anki l-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew jidhru fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (7) hawn taħt.
- (19) Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà, u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ tidher b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.
- (20) Fid-dawl tar-rieżami approfondit tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (6) hawn taħt.
- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro inġenerali. Fuq din il-bażi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ⁽²⁾ Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, Franza għandha wkoll tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u fil-ħin ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Franza tieħu azzjoni fil-perjodu 2014-2015 sabiex:

1. Issaħħaħ l-istrateġija baġitarja, fosthom billi tispeċifika aktar il-miżuri sottostanti għas-sena 2014 u lil hinn biex tiżgura l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli sal-2015 billi tilħaq l-isforz tal-aġġustament strutturali speċifikat mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Korrezzjoni durabbli tal-iżbilanċi fiskali teħtieġ implimentazzjoni kredibbli tar-riformi strutturali ambizjużi biex tiżdied il-kapaċità tal-aġġustament u tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjiegi. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, twettaq aġġustament strutturali lejn l-oġettiv ta' terminu medju ta' mill-inqas 0,5% tal-PDG kull sena, u aktar f'kundizzjonijiet ekonomiċi tajbin jew jekk meħtieġ li tiżgura li r-regola tad-dejn tintlaħaq sabiex il-proporzjon tad-dejn għoli tal-amministrazzjoni pubblika jingħieb b'mod sostenibbli fid-direzzjoni 'l isfel. Iżżid l-isforzi biex tikseb żidiet fl-effiċjenza fis-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika, fosthom billi tirridifenixxi l-ambitu tal-azzjoni tal-gvern. Partikolarment, tieħu passi biex tnaqqas b'mod sinifikanti ż-żieda fl-infiq tas-sigurtà soċjali

⁽¹⁾ Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

⁽²⁾ Ara paġna 141 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

mill-2015 kif ippjanat, billi tistipula miri tal-infiq annwali fil-kura tas-saħħa aktar ambizzjużi, tinkludi l-kostijiet tal-pensjonijiet, u tissimplifika l-benefiċċji familjari u l-benefiċċji tad-djar. Tistabbilixxi skeda ċara għall-proċess ta' deċentralizzazzjoni li għaddej u tieħu l-ewwel passi minn Diċembru 2014, bil-għan li tiġi eliminata d-duplikazzjoni amministrattiva, jiġu ffaċilitati fużjonijiet bejn il-gvernijiet lokali u jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet ta' kull saff ta' gvern lokali. Issaħħaħ l-inċentivi biex tiġi ssimplifikata n-nefqa tal-gvern lokali, billi tiġi limitata ż-żieda annwali fuq id-dħul mit-taxxa tal-gvern lokali waqt li jitnaqqsu għotjiet mill-gvern ċentrali kif ippjanat. Apparti l-ħtieġa ta' ffrankar fuq terminu qasir, tieħu passi biex tindirizza ż-żieda projettata fin-nefqa pubblika fuq is-saħħa fuq terminu medju u twil, fosthom fil-qasam tan-nefqa farmaceutika, u tieħu miżuri addizzjonali meta u fejn meħtieġ biex iġġib is-sistema tal-pensjonijiet f'bilanċ sal-2020 b'mod sostenibbli waqt li tkopri l-iskemi kollha, b'fowkus speċjali fuq l-iskemi speċjali u dawk kumplimentarji eżistenti.

2. Tiżgura li t-tnaqqis fil-kost tax-xogħol li jirriżulta mill-“crédit d'impôt compétitivité emploi” ikun sostenibbli. Tieħu azzjoni biex tnaqqas aktar il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mill-impjegaturi f'konformità mal-impenji skont il-patt ta' responsabbiltà u solidarjetà, u tiżgura li l-ebda miżura oħra ma tpaċi dan l-effett u li l-miri previsti attwalment jinżammu. Tevalwa aktar l-impatt ekonomiku tal-eżenzjonijiet mill-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali, tpoġġi l-enfasi fuq l-impjegati, l-iżviluppi tal-pagi u l-kompetittività u tieħu miżuri xierqa kif meħtieġ. Tnaqqas aktar il-kost tax-xogħol b'mod li ma jaffettwax il-baġit jiġifieri fin-naħa t'isfel tal-iskala tal-pagi b'mod partikolari permezz ta' tnaqqis immirat fil-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi fil-waqt li tqis l-iskemi diversi ta' għajmuna għall-paga.
3. Tissimplifika r-regoli amministrattivi, fiskali u tal-kontabilità tal-kumpanniji u tieħu miżuri konkreti biex timplimenta l-“pjan ta' simplifikazzjoni” fis-seħħ tal-Gvern sa Diċembru 2014. Telimina l-impedimenti regolatorji fuq it-ktabbir tal-kumpanniji, partikolarment billi tirreżamina l-kriterji marbuta-mad-daqs fir-regolamenti biex tevita l-effetti ta' limiti massimi. Tieħu passi biex tissimplifika u ttejjeb l-effiċjenza tal-politika tal-innovazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' evalwazzjonijiet b'kont meħud tal-aħħar riformi u jekk meħtieġ adattament tal-“crédit d'impôt recherche”. Tiżgura li r-riżorsi jkunu ffukati fuq il-pilastru tal-kompetittività l-aktar effettivi u tippromwovi aktar l-impatt ekonomiku tal-innovazzjoni żviluppata fil-pilastru.
4. Tneħħi r-restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq l-aċċess għal u l-eżerċizzju tal-professjonijiet regolati u tnaqqas il-kostijiet tad-dħul u tippromwovi l-kompetizzjoni fis-servizzi. Tieħu aktar azzjoni biex tnaqqas il-piż regolatorju li jaffettwa l-funzjonament tas-settur bl-immnut, partikolarment billi tissimplifika l-awtorizzazzjonijiet għall-ftuħ ta' ħwienet kummerċjali u tneħħi l-projbizzjoni fuq il-bejgħ b'telf. Filwaqt li żżomm kundizzjonijiet affordabbli għall-gruppi vulnerabbli, tiżgura li t-tariffi regolati tal-gass u l-elettriku għall-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi jkunu stipulati f'livell xieraq li ma jirrappreżentax ostaklu għall-kompetizzjoni. Issaħħaħ il-kapaċità tal-interkonnexjonijiet tal-elettriku u tal-gass ma' Spanja; b'mod partikolari, iżżid il-kapaċità tal-interkonnexjonijiet tal-gass biex tintegra bis-sħiħ is-suq tal-gass Iberiku mas-suq Ewropew. Fis-settur ferrovjarju, tiżgura l-indipendenza ta' amministratur tal-infrastruttura unifikat ġdid mingħand l-operatur stabbli u tieħu passi biex tiftaħ trasport domestiku tal-passiġġieri għall-kompetizzjoni b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tad-direttivi li jmiss u ż-żmien li ser jiġi deċiż permezz tagħhom.
5. Tnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol u iżżid l-isforzi biex tissimplifika u iżżid l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa. Għal dan il-għan, fil-baġit tal-2015, tibda tieħu miżuri biex: tneħħi l-infiq ineffiċjenti tat-taxxa fuq l-introjtu personali u tal-kumpanniji abbażi tal-valutazzjonijiet reċenti u l-inizjattiva “Assises de la fiscalité” filwaqt li tnaqqas ir-rati statutorji; tieħu miżuri addizzjonali biex tneħħi il-preġudizzju dwar id-dejn fit-taxxa tal-kumpanniji; twessa' l-bażi tat-taxxa, b'mod partikolari dwar il-konsum; tneħħi gradwalment sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent.
6. Tieħu aktar azzjoni biex tiġġieled ir-riġidità tas-suq tax-xogħol, partikolarment billi tieħu miżuri biex tirrifirma l-kundizzjonijiet tal-“accords de maintien de l'emploi” biex iżżid l-użu tagħhom minn kumpanniji li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet. Tieħu miżuri addizzjonali biex tirrifirma s-sistema tal-benefiċċju tal-qgħad flimkien mas-sħab soċjali, sabiex tiggarantixxi s-sostenibbiltà tagħha filwaqt li tiżgura li tipprovdi inċentivi adegwati biex dak li jkun jirritorna jaħdem. Tiżgura li ħaddiema anzjani jibbenefikaw minn pariri u taħriġ adegwat u tevalwa mill-ġdid l-arranġamenti speċifiċi rilevanti fir-rigward tal-benefiċċju tal-qgħad fir-rigward tas-sitwazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

7. Twettaq modernizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, timplimenta r-riforma tal-edukazzjoni obbligatorja, u tiegħu aktar passi biex tnaqqas l-inugwaljanzi edukattivi partikolarment billi ssaħħaħ il-miżuri tat-tluq kmieni mill-iskola. Tiżgura li l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jgħinu lill-gruppi l-aktar vulnerabbli. Ittejjeb it-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol, b'mod partikolari billi żżid il-miżuri biex tiżviluppa aktar l-apprendistat b'enfasi speċifika fuq dawk bl-inqas ħilet.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

P. C. PADOAN
